**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 121/2015JB

Numru 4

**Joseph Baldacchino (K.I.: 523851M) u Rodrick Baldacchino (K.I.: 503875M)**

***vs***

**Jurgan Slowe (K.I.: 295795M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-13 ta' Frar 2015 li permezz tieghu, l-Atturi talbu li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta' tlitt elef u hamsa u tletin euro (€3,035) rapprezentanti prezz ta' magna *photocopier* u konsenja DVD's. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta' Awissu 2014;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 2015;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, ipprezenta risposta fit-13 ta' Marzu 2015 li permezz taghha laqa' ghall-azzjoni attrici billi eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *inter alia* peress illi:

    a. Kwantu ghall-*photocopier* ebda ammont m'hu dovut peress illi l-istess *photocopier* irrizultat li hija difettuza u mhux idoneja ghall-iskop li ghalih giet mixtrija ossia kellha *motherboard* hazina b'mod illi skond it-*technician* imqabbad mill-attur stess hemm spiza ta' €1,463.20 biex tissewwa, liema riparazzjoni l-atturu qatt ma effettwaw;

    b. Kwantu ghad-DVD's ukoll ebda ammont m'hu dovut peress li mhux minnu li dawn gew mixtrija mill-eccipjenti imma kienu l-atturi li ghaddew l-istess DVD's lill-esponenti *on consignment* u kwindi l-atturi meta jridu jistghu jiehdu lura l-istess DVD's;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ra l-Atti u d-dokumenti kollha;

Sema' ix-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, l-Atturi qieghdin jitolbu l-hlas ta' somma raprezentanti prezz ta' DVD's u *photocopier* li gew mibjugha lill-Konvenut. Il-Konvenut jghid li l-*photocopier* hija difettuza fil-waqt li DVD's ma kienux mibjugha izda moghtija *on consignment*;

Illi l-Atturi, apparti li xehedu, ipprezentaw ghadd ta' dokumenti u ipprezentaw affidavit ta' Mario Zammit. Min-naha tieghu, il-Konvenut ressaq affidavit tieghu stess, affidavit iehor ta' ommu Josienne Slowe, kif ukoll affidavit iehor ta' Michael Baldwin. Il-Konvenut ghamel xi kontro-ezamijiet fil-waqt li l-Attur mghamel l-ebda kontro-ezami;

Illi jidher car li l-pretensjoni attrici fiha zewg komponenti u cjoe il-pretensjoni rigwardanti *photocopier* u pretensjoni rigwardanti konsenja DVD's u t-Tribunal se jghaddi sabiex iqis dawn iz-zewg komponenti separatament;

*Il-konsenja DVD's*

Meta xehed l-attur Joseph Baldacchino (a fol 11) jghid li kien jiggestixxi hanut u ddecieda li jaghlqu lejn nofs Mejju 2014. Lejn Awissu kien avvicinah il-Konvenut u talbu jixtri l-*photocopier* u d-DVD's. Jghid li saru zewg skritturi, wahda ghall-*photocopier* u ohra ghad-DVD's. L-iskrittura rigwardanti d-DVD's tinsab a fol 16. Jghid li mad-DVD's kellu jghaddi wkoll il-*units* fejn dawn jinzammu. Kien gie miftiehem li l-prezz tad-DVD's ikun ta' euro (€1) -il wahda. Jghid li l-prezz miftiehem kien ta' elf tmien mija u hamsa u tletin euro (€1,835) mil-liema ammont il-Konvenut hallas is-somma ta' disghin euro (€90). Jghid li minkejja li zamm il-jedd li jiehu lura dawn id-DVD's ghazel li ma jiehu xejn lura minnhom. Jghid li ma rcieva xejn sabiex ixolji l-kuntratti li kien iffirma;

Meta xehed in kontro-ezami, mistoqsi kemm ircieva flus tad-DVD's qal li rcieva madwar tmenin euro (€80) ghad li ma jiftakarx ezatt. Mitlub jikkonferma jekk il-ftehim mal-Konvenut kienx illi d-DVDs jinghataw *on consignment* u li hu rrizerva d-dritt li jehodhom lura u li jithallas ma' kull wiehed li l-Konvenut ibiegh, jwiegeb fl-affermattiv. Madankollu fir-riezami jghid li rrizerva d-dritt li jiehu lura d-DVDs peress li kien jaf li l-Konvenut kien xi ftit issikkat fil-flus. Mistoqsi jghid x'gara minn dawn id-DVDs, jghid li meta talabhom lura, il-Konvenut wiegbu li jippreferi jarmihom fiz-zibel milli jroddhom lura. Mistoqsi in kontro-ezami jekk kellux xi offerti ohra dwar id-DVDs jghid li kellu offerta ahjar mill-prezz li kien ftiehem ma' Slowe imma hass li kien marbut mal-Konvenut.

Illi l-bqija tax-xhieda tal-attur, kif ukoll ix-xhieda ta' ibnu Roderick Baldacchino kif ukoll l-affidavit ta' Mario Zammit jirrigwardaw biss il-*photocopier*;

It-Tribunal qies il-ftehim a fol 16 liema ftehim jaqra hekk:

> Jiena, Jurgen Slowe… niddikjara li ircevejt minghand Joe Baldacchino… illum 6 ta' Gunju 2014, 1735… DVD ghall-valur ta' €1735… flimkiem ma' 4 DVD units ta' valur ta' €100. Joe Baldacchino jzomm id-dritt li jiehu lura d-DVD's kollha li jkunu ghadhom ma thallsux

Illi jsegwi ghalhekk li l-prezz miftiehem ghad-DVD's u l-units kien ta' €1,835 (kif xehed Joe Baldacchino) mil-liema somma l-Konvenut hallas €90 biex jibqa' bilanc ta' elf seba' mija u hamsa u erbghin euro (€1,745);

Illi min-naha 'l ohra, il-Konvenut ma ressaqx xi provi estensivi dwar id-DVD's u fl-affidavit tieghu (a fol 31) jiddedika proprju l-ahhar paragrafu dwar dan il-komponent tal-azzjoni u jghid li skond il-ftehim dawn kienu *on consignment* fis-sens li jhallas skond kemm ibiegh u jghid li fil-fatt hekk ghamel. Jghid li mghandu jaghti xejn u meta jrid, l-Attur jista' jmur u jehodhom lura;

Illi omm il-Konvenut fl-affidavit taghha a fol 37 ma tantx titfa' dawl fuq din il-materja fil-waqt li Michael Baldwin ma jidholx fil-kwistjoni tad-DVD's.

Ikkunsidra;

Illi jidher car li l-Konvenut qieghed jinsisti li l-bejgh tad-DVD's sar *on consignment*. Ghad li l-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' din it-tip ta' transazzjoni, il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet "Anthony Ruggier *et vs* Francis Refalo" deciza fit-18 ta' Frar 1965,[1] fil-waqt li taghmel riferenza estensiva ghal sentenza ohra fl-ismijiet "Avukat Dottor George Vassallo *vs* Victor Caruana *noe*"[2], irriteniet illi "*il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci* on consignment *huwa kuntratt mhux ta' bejgh imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx*."

Illi madankollu l-kaz odjern jidher li hu kemmxejn differenti. It-Tribunal iqis li l-verzjoni tal-Attur, kunsidrata fid-dawl tal-ftehim li jinsab a fol 16, twassal ghall-konkluzjoni li l-ftehim huwa wiehed ta' bejgh, minkejja dak li qieghed jigi eccepit u dan minkejja l-patt li l-Attur bejjiegh zamm il-jedd li jiehu l-oggetti mibjugha lura;

Illi skond l-Art. 1347 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) "*Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej*." Mhemmx dubju li bl-iskrittura a fol 16 il-kontendenti ftehmu dwar l-oggett in vendita kif ukoll fuq il-prezz. Ghad li ma ftehmux zmien ghal hlas, ftehmu li l-Attur ikollu jedd jirkupra l-oggetti in vendita. Dan igibna biex inqisu jekk l-inkluzjoni ta' tali patt tirrendiex il-kuntratt bhala wiehed ta' bejgh *on consignment* minflok wiehed ta' bejgh semplici;

Illi r-risposta jidher li taghtiha l-ligi stess li fl-Art. 1439 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta) tipprovdi espressament li "*Jekk il-bejgħ ta' ħaġa mobbli jkun sar mingħajr ma jkun ġie miftiehem żmien għall-ħlas, il-bejjiegħ jista', jekk il-ħlas ma jsirx, jieħu lura l-ħaġa mibjugħa, sakemm din tkun tinsab f'idejn ix-xerrej, jew ma jħallix lix-xerrej li jbigħha lil ħaddieħor, basta li t-talba biex jeħodha lura tiġi magħmula fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-kunsinna u l-ħaġa tkun tinsab f'dak l-istess stat li kienet fiż-żmien tal-kunsinna*."

[1] Koll. [1965] XLIX.iii.1128
[2] Koll. XXXV.iii.574

Illi t-Tribunal iqis – fuq l-iskorta tal-provi li ghandu quddiemu – li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Fuq kollox ma jirrizultax li l-Konvenut ha xi passi sabiex *se mai* jirritorna d-DVD's ghad li jghid li meta jrid l-Attur jista' jiehu lura d-DVD's – prova madankollu kontradetta mill-Attur Joseph Baldacchino li jghid li meta darba kellem lill-Konvenut u talbu jrodd lura d-DVD's dan qallu li jippreferi jarmihom milli jroddhom lura;

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Atturi rnexxielhom jipprovaw it-talba fir-rigward tad-DVD's u se jghaddi sabiex fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut in kwantu dawn jolqtu l-kwistjoni tad-DVD's, jikkundanna lill-Konvenut sabiex ihallas il-bilanc fuq l-istess DVD's;

Illi skond il-ftehim il-prezz kellu jkun €1735 ghad-DVD's oltre ghal €100 ghall-units, ghal total ta' €1835, mil-liema somma l-Konvenut jidher li hallas madwar €90 euro. Ghalhekk it-Tribunal se jikkundanna lill-Konvenut ihallas is-somma ta' €1735;

*Il-photocopier*

Illi l-Attur Joseph Baldacchinop xehed (a fol 11) u stqarr li l-prezz tal-*photocopier second hand* kienet ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) ferm anqas minn kemm kien akkwistaha. Jghid li l-ftehim kien li l-Konvenut kellu "*jiehdu kif inhu*". Jghid li l-magna ippruvawha flimkien. Jghid li l-hlas kellu jsir f'diversi pagamenti li l-ewwel wiehed ghadda regolarment fil-waqt li l-bqija tal-pagamenti ma sarux billi c-cekkijiet rilaxxjati mill-Konvenut ma gewx onorati mill-bank. Jghid li wara li sar l-ewwel pagament il-Konvenut beda jallega li l-magna kellha difetti. Jghid li l-magna giet spezzjonata minn *technicians* u semma' wkoll laqgha li kellu fil-hanut tal-Konvenut. L-Attur ipprezenta wkoll l-iskrittura ta' bejgh li tghid car u tond li l-Konvenut qieghed jixtri minghand l-Attur *multi-functional photocopier, tale quale* versu l-prezz ta' €1,800 liema prezz kellu jithallas f'erba' pagamenti;

Roderick Baldacchino (a fol 13) xehed fid-dettall dwar skambji li kellu mal-Konvenut. Jispjega li kien hemm kwistjoni ta' *software* u *formatting* tas-sistema. Jghid li kien tkellem mal-Konvenut u anke mar fuq il-post u bidel xi *cable* u l-magna bdiet tahdem. Jghid ukoll li baghat *technician*;

Mario Zammit, it-*technician* li spezzjona l-magna, meta xehed bil-procedura tal-affidavit stqarr li l-Konvenut ma deherx li ha pjacir meta hu mar gewwa l-hanut tieghu. Jghid li l-magna hadmet mill-ewwel u minghajr problemi. Jghid li jekk hemm problema li twassal biex il-magna ma tixghelx din ma tkunx mill-*motherboard* imma mill-*power supply*. In kontro-ezami Zammit zamm mal-verzjoni tieghu;

Mill-banda 'l ohra Jurgen Slowe xehed estensivament bil-procedura tal-affidavit u ta l-verzjoni tieghu li hi li xi ftit zmien wara li huwa ha l-magna minghand Joseph Baldacchino, din ma bdietx tixghel u bdiet taghti l-problemi. Jghid li fl-ahhar l-istess Attur gab rapprezentanti tal-agent tal-magna u dawn baghtu stima sabiex tinbidel il-*motherboard* li tiswa kwazi daqs il-prezz tal-bejgh. Jghid li Baldacchino ma riedx isewwi hekk kif ra l-istima ghat-tiswija. Slowe itemm l-affidavit tieghu billi jghid li "*Il*-photocopier *ghadha ma tahdimx u ghalhekk jiena ninsisti li l-ammont li qed jitlob l-attur mhux dovut*";

Omm il-Konvenut fl-affidavit taghha (a fol 37) ma tantx xehtet wisq dawl fuq il-kwistjoni ghad li kkonfermat il-verzjoni ta' binha fil-waqt li Michael Baldwin (a fol 38) jghid li meta ezamina l-magna, dan sab li l-*motherboard* kien "*completely defective rendering the machine useless and valueless*";

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn irid jinghad li l-gurisprudenza nostrana taghmel distinzjoni (mhux daqstant cara fit-test tal-ligi) bejn il-bejgh ta' oggett gdid u l-bejgh ta' oggett *second hand*.[3] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "George Portelli *vs* Vittoria Grima" deciza fis-27 ta' Mejju 1957 irriteniet li:

> Fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja wiehed ghandu jimxi fuq dak li jkun verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala 'tajjeb', dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun tajjeb sa fejn jista' jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara.

Illi l-istess Qorti, fil-kawza "Attard vs Mifsud", deciza fid-9 ta' Lulju, 1991 irriteniet li f'kaz ta' oggett *second hand*, ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkunu rizultat ta' *wear and tear* jew li jkunu konsegwenza tal-uzu tal-oggett. Il-Qorti, fl-istess sentenza, sahqet fuq l-obbligu tax-xerrej li jezamina l-kundizzjoni tal-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendita, l-oggett mixtri kien funzjonabbli;

Illi mhuwiex inawdit li l-akkwirent ta' oggett *second hand* jonqos milli jhallas ghall-oggett li jkun akkwista fil-waqt li jissolleva l-argument li l-oggett huwa kolpit b'xi difett. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghal dik odjerna fi-kawza fl-ismijiet "Joseph Pitre' *vs* Anthony Muscat", f'sentenza moghtija fit-2 ta' Gunju, 2005 (sussegwentement konfermata fl-appell) dahlet fil-fond tal-kwistjoni u jkun utli, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, li tigi riportata parti estensiva mis-sentenza:

> …kif intqal fil-kawza "Attard vs Mifsud", decisa min din il-Qorti fid-9 ta' Lulju, 1991, f'kaz ta' oggett sekonda man, ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkunu rizultat ta' wear and tear jew li jkunu konsegwenza tal-uzu tal-oggett. Il-Qorti, fl-istess sentenza, sahqet fuq l-obbligu tax-xerrej li jezamina l-kundizzjoni tal-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendita, l-oggett mixtri kien funzjonabbli…
>
> Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jeskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, fil-waqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita' miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero', irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita' inferjuri jew hsara biss wara li jigi azjonat ghal-hlas.
>
> L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Attard vs Direttur tal-Edukazzjoni", decisa fl-4 ta' Novembru, 1992, qalet li kompratur li jibqa' jzomm l-oggett wara li jinduna li l-istess oggett kien bil-hsara, irid xorta wahda jhallas il-prezz kollu ta' dak l-oggett. Dan il-principju gie enuncjat f'diversi kawzi ohra, fosthom "Borg vs Xuereb", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 1989, u "Schembri vs Abela", decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2000. L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan", osservat li jekk ix-xerrej izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita' pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Busietta vs Borg Cardona", decisa fis-6 ta' Ottubru, 2000, kienet osservat illi li wiehed izomm ghandu l-oggett in vendita mhux agir konsistenti ma' azzjoni intiza biex thassar dan il-bejgh. Fil-kawza "Buffa et vs Roger Satariano and Sons Ltd", decisa minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal li f'kaz ta' hsara jew difett f'oggett mibjugh, "ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza rrimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni".

[3] Vide f'dan is-sens "Pietru Mifsud *vs* Paolo Nani *noe*", deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Awissu 1966

> …
>
> Il-konvenut donnu qed jippretendi li m'ghandux ihallas il-prezz tal-magna, qabel ma l-attur "jaghmel dak li hu mehtieg biex effettivament igibha tahdem tajjeb", izda kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Scifo Diamantino vs Meridian Enterprises Co. Ltd", decisa fit-13 ta' Frar, 2003, f'kaz ta' difetti jew hsarat, l-unici rimedji huma dawk li tipprovdi lligi, u mhux permess ghax-xerrej li jagixxi billi jitlob l-irrangar jew is-sostituzzjoni tal-parti difettuza.

Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ghandu quddiemu x-xhieda mhux kontradetta tal-Attur Joseph Baldacchino meta qal li l-magna kellha tinbiegh fil-kundizzjoni li kienet, patt rifless anke fl-iskrittura li ffirmaw il-kontendenti. Inoltre, fil-kaz odjern jidher li l-istess Konvenut hareg cekkijiet lill-istess Baldacchino li da parti tieghu meta pprova jsarrafhom sab li dawn kienu mwaqqfin mill-istess Konvenut – prova li kien hemm l-intenzjoni tal-hlas da parti tal-istess Konvenut. Jirrizulta car ukoll mhux biss li l-*photocopier* kienet *second hand*, izda li l-Konvenut ma ha l-ebda passi kontra l-Atturi sabiex jittutela l-jeddijiet tieghu *qua* kumpratur (kemm-il darba hass li kellu xi jedd fir-rigward) u llimita l-azzjoni tieghu billi sempliciment baghat l-ittra li tinsab a fol 36.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Atturi rnexxielhom jipprovaw it-talba fir-rigward tal-*photocopier* u se jghaddi sabiex fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut in kwantu dawn jolqtu l-kwistjoni tal-*photocopier*, jikkundanna lill-Konvenut sabiex ihallas il-bilanc fuq l-istess *photocopier*;

Illi skond il-ftehim il-prezz kellu jkun ta' elf u tmien mitt euro (€1,800), mil-liema somma l-Konvenut jirrizulta li hallas hames mitt euro (€500). Ghalhekk it-Tribunal se jikkundanna lill-Konvenut ihallas il-bilanc tal-prezz ta' elf u tliet mitt euro (€1,300);

Ikkunsidra;

Illi flimkien, il-bilanc tal-prezz tal-*photocopier* u cjoe s-somma ta' €1,300 oltre ghas-somma ta' €1,735 ghad-DVD's tammonta ghal €3,035 u cjoe tekwivali ghall-ammont pretiz mill-Atturi fl-Avviz tat-Talba;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddieciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas is-somma ta' €3,035 bl-imghax skond il-ligi. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*